MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2005

Rikors Numru. 5/2004/1

Tamarac Limited, Virtex Limited u Finholdings Limited

vs

Carmelo Calleja

Il-Bord,

Ra r-rikors tas-socjetajiet rikorrenti pprezentat fis-17 ta' Marzu, 2004 fejn esponew:

Illi s-socjetajiet esponenti jikru lill-intimat Carmelo Calleja porzjoni diviza ta' art formanti parti mill-eghlieqi msejjha "Tal-Frisk" sive "Tal-Lembuba" sive "Tal-Barumbara", f'Santa Venera, tal-kejl superficjali ta' 602 metri kwadri eskluza l-parti stradali, accessibbli dina l-art minn estensjoni ta' Psaila Street, liema art tinsab delineata bil-kulur roza fil-pjanta hawn unita u markata Dok. "TVF1".

Illi huma jixtiequ jiehdu lura l-pussess ta’ l-imsemmija ghalqa ghas-segwenti ragunijiet:-

1. Ir-rikorrenti jehtiegu r-raba li huwa bali ghall-kostruzzjoni fuqu ta’ bini ghal skopijiet ta’ negozju jew industrijali, u fil-fatt huma gia’ ghandhom il-permess tal-bini mahrug mill-M.E.P.A. ghal showroom b’ufficini sovrastanti u zewg sulari sottostanti, u kopja ta’ liema permess qed jigi hawn unit u markat Dok “TVF 2”.

2. F’dawn l-ahhar sentejn l-ghalqa thalliet ma tinhadimx ghal mill-inqas tnax-il xahar konsekuttivi skond il-kalendarju. Fil-fatt, l-ghalqa “de quo” ilha s-snin mitluqa u abbandunata; u

3. F’dawn l-ahhar sentejn l-intimat naqas li jwettaq l-obbligu li jsewwi u jzomm fi stat tajjeb il-hitan tar-raba, u abitwalment naqas li jhares il-kundizzjonijiet ohra tal-kirja jew deliberatament jew bi traskuragni kkaguna jew halla li tigi kagunata hsara.

Ghaldaqstant is-socjetajiet rikorrenti jitolbu bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jawtorizza t-terminazzjoni tal-lokazzjoni tal-porzjoni diviza ta’ art formanti parti mill-ghelieqi msejjha “Tal-Frisk” sive “Tal-Lembuba” sive “Tal-Barumbara”, f’Santa Venera, tal-kejl superficjali ta’ 602 metri kwadri eskluza l-parti stradali, accessibbli dina l-art minn estensjoni ta’ Psaila Street, liema art tinsab delineata bil-kulur roza fil-pjanta hawn unita u markata Dok. “TVF1”, u jawtorizza lill-esponenti jirriprendu f’terminu qasir u perentorju li joghgbu jipprefiggi dan il-Bord il-pussess ta’ l-istess raba ghar-ragunijiet, jew xi wahda minnhom, fuq imsemmija, prevja l-likwidazzjoni ta’ kull kumpens li jista’ jkun dovut jekk effettivament dan jirrizulta dovut.

Bl-ispejjez.

Ra li l-intimat debitament notifikat qatt ma deher jew oppona t-talba.

Semgha x-xhieda bil-gurament ta’ Lawrence Fino.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Billi l-intimat baqa’ kontumaci jilqa’ t-talba tas-socjetajiet rikorrenti u jawtorizzahhom jergghu jiehdu f’idejhom il-porzjon ta’ l-art formanti parti mill-eghlieqi msejjha “Tal-Frisk” sive “Tal-Lembuba” sive “Tal-Barumbara”, f’Santa Venera.

Ghall-ghan ta’ tkeccija jaghti tlett (3) xhur zmien millum. L-ispejjez jithallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------